MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 304/2004

Publius **FARRUĠIA** u martu Catherine Farruġia

vs

Joseph **FARRUĠIA** u Mario Farruġia

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta’ April, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) tordna li ssir il-likwidazzjoni tal-wirt ta’ Carmelo u Salvina Farruġia, ġenituri tal-partijiet u kif ukoll dak ta’ Michaelanġelo magħruf bħala Kalanġ Farruġia, ħu l-istess

partijiet; (b) tassenja wirt l-imsemmi Carmelo Farruġia fi tlitt (3) ishma ndaqs ta' terz ($^{1}/_{3}$) kull wieħed favur l-istess partijiet; (ċ) tassenja wirt l-imsemmija Salvina Farruġia f'żewġt (2) ishma ta' nofs ($^{1}/_{2}$) lil kull wieħed mill-atturi, u dan wara li jitħallsu l-legati msemmija fit-testment tagħha; (d) tassenja wirt l-imsemmi Kalanġ Farruġia fi tlitt (3) ishma ndaqs ta' terz ($^{1}/_{3}$) kull wieħed favur l-istess partijiet; (e) taħtar, jekk meħtieġ, perit biex jillikwida, jaqsam u jistma l-wirtijiet imsemmija, jew li ssir il-liċitazzjoni jekk ikun il-każ; u (f) taħtar nutar pubbliku biex jippubblika l-kuntratt tal- qasma fuq imsemmija, fil-jum, ħin u post li din il-Qorti jogħġobha tordna u wkoll taħtar kuraturi biex jidhru għal dawk li jonqsu li jersqu fuq l-att tal-qasma.  Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2004, li bih tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq ta' provi min-naħa tagħhom;

Rat in-Noti mressqa mill-atturi fit-3 ta' Settembru, 2004, bil-provi dokumentali, ismijiet ta' xhud u xhieda b'affidavit mehmużin magħhom;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Settembru, 2004, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin b'direttivi lilhom għat-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Novembru, 2005[1], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista ta' Kawżi ta' qabel is-Seduta ("*pre-trial*");

Rat li, minkejja li l-imħarrkin laqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża bil-proċedura maħsuba fl-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, naqsu li jressqu n-Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi, għalkemm dehru quddiem l-Assistent Ġudizzjarju waqt il-*pre-trial* u ħatru avukat biex tidher għalihom matul is-smigħ tal-kawża;

[1] Paġ. 94 tal-proċess

Rat il-verbali miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju waqt l-imsemmija fażi tal-kawża, matul liema żmien il-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jaslu f'arranġament bejniethom barra l-Qorti;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2006[2], li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ tas-6 ta' Diċembru, 2006;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2006[3], li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet ħatret lill-Perit Arkitett Ludovico Micallef bħala perit tekniku biex jagħmel stima tal-ġid mertu tal-każ u jfassal pjan ta' qasma tal-istess u biex jgħid jekk il-ġid jistax jinqasam bla xkiel, liema ħatra nbidlet b'degriet ieħor tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2008[4], billi ħatret lill-Perit Arkitett Mario Cassar bħala perit tekniku minfloku bl-istess fakultajiet u setgħat;

Rat ir-rapport imressaq mill-perit tekniku fid-29 ta' Marzu, 2010[5], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tat-22 ta' Ġunju, 2010;

Rat in-Nota mressqa mill-Perit tekniku fl-24 ta' Mejju, 2010[6], li biha iċċara xi kostatazzjonijiet li huwa kien wasal għalihom fir-rapport oriġinali tiegħu;

Rat ir-Relazzjoni addizzjonali mressqa mill-Perit tekniku fit-2 ta' Mejju, 2011[7], relattiva għall-fond imsemmi u minnu maħlufa waqt is-smigħ tal-5 ta' Ottubru, 2011;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fil-5 ta' Ottubru, 2011[8], li biha talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali, liema talba huma ma baqgħux jinsistu dwarha b'verbal magħmul waqt is-smigħ tat-2 ta' Frar, 2012[9], fejn, minflok, talbu li jitħallew iressqu lill-imsemmi Perit tekniku b'xhud tagħhom in eskussjoni;

---

[2] Paġġ. 109 – 110 tal-proċess
[3] Paġ. 185 tal-proċess
[4] Paġ. 122 tal-proċess
[5] Paġġ. 131 – 8 tal-proċess
[6] Paġġ. 155 – 7 tal-proċess
[7] Paġġ. 168 – 177 tal-proċess
[8] Paġ. 180 tal-proċess
[9] Paġ. 184 tal-proċess

Semgħet ix-xhieda tal-perit tekniku mressaq mill-atturi b'xhud tagħhom in eskussjoni;

Rat in-Nota spjegattiva mressqa mill-Perit tekniku fil-25 ta' Mejju, 2012[10], bi kjarifika tax-xhieda li ta waqt l-eskussjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-atturi;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2012[11], li bih tat lill-imħarrkin żmien biex iressqu Nota ta' Sottomissjonijiet, għall-finijiet tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imħarrkin ma ressqu l-ebda sottomissjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-qasma ta' ġid ġej minn wirt. Bl-azzjoni tagħhom, l-atturi jridu li l-ġid li ġej mill-wirt tal-ġenituri tal-attur u ta' ħuh li miet għażeb ma jibqax aktar komuni u ssir il-qasma tiegħu biex kulħadd jingħata s-sehem li jmissu. L-imħarrkin huma ħut l-attur;

Illi l-imħarrkin ma ressqux Nota tal-Eċċezzjonijiet u qatt ma talbu li jitħallew iressqu Nota formali. Madankollu, huma dejjem dehru l-Qorti jew quddiem l-Assistent Ġudizzjarju kull meta msejħin u saħansitra ħatru avukat biex tidher għalihom f'din il-kawża;

Illi biex il-Qorti setgħet tqis it-talbiet tal-atturi, ħatret perit tekniku biex jistma l-ġid tal-wirt u jfassal pjan ta' qasma;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur u l-imħarrkin huma aħwa, wlied Carmelo Farruġia u Salvina

---

[10] Paġġ. 187 – 8 tal-proċess
[11] Paġ. 191 tal-proċess

mwielda Muscat, li żżewġu f'Diċembru tal-1945. Il-miżżewġin Farruġia kellhom iben ieħor, jismu Michaelangelo li kien għażeb. Carmelo Farruġia miet intestat fid-29 ta' Novembru, 1986[12]. Id-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu tressqet fis-27 ta' Marzu, 1987[13], b'oħra addizzjonali titressaq fit-18 ta' April, 1988[14];

Illi martu Salvina mietet testata fil-25 ta' Awissu, 1996[15]. Il-wirt tagħha hu regolat b'testment li hija għamlet fit-2 ta' Ġunju, 1994, fl-atti tan-Nutar Mario Buġeja[16]. Bis-saħħa tal-imsemmi testment, it-testatriċi ħalliet lill-atturi miżżewġin Farruġia b'werrieta universali tagħha, filwaqt li ħalliet, b'titolu ta' legat favur l-imħarrkin u f'sehem indaqs bejniethom, in-nofs ($^{1}/_{2}$) tal-ġid li hija wirtet mingħand missierha w ommha, jiġifieri kwart ($^{1}/_{4}$) mhux maqsum lil kull wieħed miż-żewġ imħarrkin. L-atturi wettqu d-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-wirt t'omm l-attur fis-27 ta' Novembru, 1997, f'att tan-Nutar Mario Buġeja. Salvina Farruġia kienet waħda minn tmint (8) aħwa ta' Giovanni Muscat u martu Anġela mwielda Vella[17]. Missierha w'ommha mietu testati, rispettivament, fil-11 ta' Awissu, 1961[18], u fis-17 ta' Marzu, 1974[19], u l-wirt tagħhom kien regolat b'testment *unica charta* tas-17 ta' Jannar, 1957, fl-atti tan-Nutar Nicola Said[20]. Waħda minn ħutha – Ġużeppa – mietet xebba u intestata madwar tliet (3) ġimgħat wara ommha[21];

Illi Michaelangelo Farruġia miet intestat fil-21 ta' Jannar, 2001[22]. L-attur u ħutu l-imħarrkin wettqu d-dikjarazzjoni *causa mortis* tiegħu fit-12 ta' Lulju, 2001[23] f'att tan-Nutar Mario Buġeja;

Illi fid-29 ta' April, 2004, l-atturi fetħu din il-kawża;

---

[12] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[13] Dok "D", f'paġġ. 9 – 11 tal-proċess
[14] Paġġ. 12 – 6 tal-proċess
[15] Dok "E", f'paġ. 17 tal-proċess
[16] Dok "Ħ", f'paġġ. 21 – 3 tal-proċess
[17] Dok "W", f'paġ. 57 tal-proċess
[18] Dok "J", f'paġġ. 27 sa 30 tal-proċess
[19] Dok "K", f'paġġ. 31 – 6 tal-proċess
[20] Dok "Ż", f'paġġ. 73 – 7 tal-proċess
[21] Dok "L", f'paġġ. 37 – 9 tal-proċess
[22] Dok "M", f'paġ. 40 tal-proċess
[23] Dok "P", f'paġġ. 43 – 5 tal-proċess

Illi mill-provi mressqa ħareġ li missier il-partijiet, Carmelo Farruġia, kien kiseb (flimkien ma' ħuh) il-fond (li jikkonsisti f'għalqa u razzett magħrufa bħala "*Ta' Galoppa*") bin-numri sitta (6) u sitta ittra "A" (6A), fi Triq in-Nigret, Żurrieq, bis-saħħa ta' kuntratt tas-17 ta' Novembru, 1941[24] fl-atti tan-Nutar Giovanni Caruana mingħand Dun Gejtan Żammit. Dan il-ġid kisbu qabel ma żżewweġ lil Salvina Muscat. B'kuntratt ta' qasma li sar fil-25 ta' Awissu, 1964[25] fl-atti tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle, Carmelo Farruġia u l-armla ta' ħuh Salvu qasmu l-imsemmi ġid bix-xorti u l-fond numru sitta (6) Triq in-Nigret, Żurrieq, flimkien ma' biċċa art ta' madwar tlitt itmien, siegħ u sitt kejliet (3T 1S 6K)[26] tmiss miegħu, messew lill-istess Carmelo Farruġia flimkien ma' ħlas ta' somma bħala ekwiparazzjoni mingħand l-armla ta' ħuh;

Illi matul iż-żwieġ tal-ġenituri tal-partijiet, inkisbu l-fond numru tlieta (3), erbgħa (4) u ħamsa (5), Trejqet il-Barrieri, Żurrieq; il-fond numru tnejn (2), Triq il-Ġibjun, Żurrieq; porzjon ta' art fabbrikabbli fi Triq il-Mitħna, Żurrieq; u għalqa magħrufa bħala "*Tal-Ġibjun*" jew ukoll "*Tal-Wardija*", fil-kuntrada magħrufa bħala Tan-Nigret, fiż-Żurrieq;

Illi, mill-wirt tal-ġenituri tagħha (u ta' oħtha Ġużeppa li mietet xebba u intestata qabilha) omm il-partijiet kisbet sehem minn tmienja ($^1/_8$) tal-ġid li kellu missierha u daqstant ieħor mill-wirt ta' ommha, u miegħu żdied sehem ta' wieħed minn sitta u ħamsin ($^1/_{56}$) parti mill-wirt ta' oħtha Ġużeppa;

Illi meta miet Kalanġ Farruġia, ħu l-partijiet, hu kien werriet ta' kwart ($^1/_4$) mhux maqsum mill-post 6, Triq in-Nigret, Żurrieq u tar-raba' ta' miegħu. Huwa kien werriet ta' sehem minn tmienja ($^1/_8$) tal-post numru 2, Triq il-Ġibjun; sehem minn tmienja ($^1/_8$) tal-porzjon art fi Triq il-Mitħna, u ta' sehem minn tmienja ($^1/_8$) tal-għalqa magħrufa bħala "*Tal-Ġibjun*" jew ukoll "*Tal-Wardija*", fil-kuntrada magħrufa bħala Tan-Nigret, fiż-Żurrieq. Mill-wirt ta' ommu kellu biss

[24] Dok "X", f'paġġ. 58 – 9 tal-proċess (estratt)
[25] Dok "Y", f'paġġ. 60 sa 72 tal-proċess
[26] Li jġibu 3672.13 m$^2$

l-użufrutt ta' kwart ($^1/_4$) mill-ġid li mess lilha mingħand il-familja tagħha;

Illi filwaqt li l-atturi jgħixu fil-post numru 2, Triq il-Ġibjun, Żurrieq, l-imħarrek Joseph Farruġia jgħix ġol-fond 6, Triq in-Nigret, u l-imħarrek Mariano *sive* Mario Farruġia jokkupa l-post 5, Trejqet il-Barrieri;

Illi bħala kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, għandu jingħad minnufih li f'azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt, li kienet tissejjaħ l-*actio familiae erciscundae* fid-Dritt Ruman, il-liġi[27] tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid *in natura*[28], (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur[29] u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs[30];

Illi xieraq jingħad li ħsieb il-liġi huwa li ħadd ma jista' jkun imġiegħel li jibqa' fil-komunjoni tal-ġid ma' oħrajn li għandom sehem mill-istess ġid[31]. Din ir-regola tgħodd kemm jekk l-imsemmi ġid jaqa' f'idejn bosta nies minħabba l-ftuħ ta' wirt, u kemm ukoll jekk il-ġid ikun ġie f'idejn bosta nies b'kuntratt wieħed;

Illi fi kwestjonijiet ta' qasma ta' wirt u jekk il-ġid jistax jinqasam materjalment mingħajr diskapitu, huwa stabilit li għandu jittieħed qies tal-valur tal-ishma fil-waqt li fih tinfetaħ is-suċċessjoni, għaliex huwa dak il-waqt li jnissel l-istat tal-komunjoni li jagħti lok għall-jedd li wieħed jitlob il-qasma[32];

---

[27] Art. 907 tal-Kap 16
[28] Art. 502 tal-Kap 16
[29] Art. 504 tal-Kap 16
[30] Art. 510(1) tal-Kap 16
[31] Art. 496(1) tal-Kap 16
[32] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Melkisedek Deguara vs Rose Calleja et***

Illi minbarra dan il-liġi trid li, meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet u għandu jfittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantita' ta' ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess għamla u valur[33]. Il-liġi tistabilixxi wkoll[34] li r-regola ewlenija fil-qasma ta' ishma f'wirt hi li dawk l-ishma jittellgħu bix-xorti, u huwa biss fil-każ li l-ishma m'humiex indaqs jew jekk il-partijiet kollha jaqblu li l-qasma għandha ssir b'assenjazzjoni[35]. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m'hijiex inflessibbli[36], jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m'għandhiex issir il-qasma bl-assenjazzjoni. Jidher li din ir-regola tal-liġi m'hijiex fakoltativa imma tassativa[37];

Illi madankollu l-qasma ta' wirt bix-xorti jew bl-assenjazzjoni tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba l-ishma jkunu jistgħu jitfasslu u jintgħamlu b'mod li jirrispettaw l-ishma ta' dawk imsejħa biex jaqsmu. Jekk dan ma jistax isir bla xkiel u ħsara għal tali jeddijiet, l-għażla li jifdal hi li l-wirt jinbiegħ b'liċitazzjoni u l-ishma jitħallsu mir-rikavat;

Illi f'dan il-każ ħareġ li l-ġid komuni bejn il-partijiet fil-kawża jikkonsisti minn ħames (5) fondi li wħud minnhom huma okkupati mill-kontendenti nfushom, kif, wara kollox, kienu għal żmien twil id-dar fejn għammru u trabbew flimkien mal-ġenituri tagħhom. Kif rajna, minn dan il-ġid kollu, post wieħed biss – dak li fih jgħix l-imħarrek Joseph Farruġia – kien ġid partikolari ta' Carmelo Farruġia. Il-ġid l-ieħor kien kollu jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri tal-partijiet;

Illi l-perit maħtur mill-Qorti, kif mitlub, wettaq eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-wirt u wasal għall-fehma li l-ġid kollu jammonta għal tliet miljuni u tletin elf euro (€ 3,030,000)[38].

---

[33] App. Ċiv. **17.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Randon noe vs Ebejer et*** (Kollez. Vol: **XLV.i.98**)
[34] Art. 510 tal-Kap 16
[35] P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)
[36] Fadda Commentario sulle Leggi Civili, art. 993-6 u ara P.A. MCH **31.5.2012** fil-kawża fl-ismijiet *Seamus Borġ vs Thomas Borġ*
[37] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et***
[38] Dok "EX2", f'paġ. 188 tal-proċess

Huwa wasal għall-fehma wkoll li l-ġid li hemm jista' jinqasam bejn il-partijiet mingħajr xkiel u b'ħarsien tal-ishma rispettivi li jgawdu mit-tliet wirtijiet li huma mdaħħla fl-azzjoni attriċi. Huwa fassal ukoll pjan ta' qasma li jqarrab mal-ġid li kull wieħed u waħda mill-partijiet għandhom sehem minnu. Il-Perit wasal għal dan wara li kellu jagħmel xi aġġustamenti kemm tal-assi u kif ukoll tal-valuri, iżda l-atturi iddikjaraw li joqogħdu għall-fehmiet tal-imsemmi perit, filwaqt li l-imħarrkin baqgħu ma ressqu l-ebda lment jew kritika, minkejja li ngħataw żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom;

Illi l-Qorti għandha riżerva dwar il-mod kif il-perit tekniku qasam l-ishma tal-għalqa li tmiss mal-post numru 6, Triq in-Nigret, Żurrieq. Din ir-riżerva ma tolqotx aspett tekniku, għaliex il-Qorti ma kenitx tindaħal fil-ħila tal-perit imqabbad minnha f'dan ir-rigward, sakemm ma jintweriex li ma jkunx wettaq dmiru sewwa. Ir-riżerva tagħha tinbena fuq konsiderazzjoni ta' dritt li jidher li l-istess perit tekniku ma ntebaħx bih. Għalkemm jidher li hu għaraf (u kien mgħarraf) li din l-art kienet tagħmel parti mill-ġid miksub minn Carmelo Farruġia fil-kuntratt tal-qasma li sar f'Awissu tal-1964 (li kienet tirrigwarda wkoll il-post bin-numru 6, Triq in-Nigret, Żurrieq, li nkisbet fl-istess att), deherlu li l-ishma tal-partijiet ma jkunux bħalma sab (tajjeb) li kienu fil-każ tad-dar innifisha. Fil-fehma tal-Qorti, jekk il-post numru sitta (6) huwa ġid partikolari ta' missier il-partijiet, hekk ukoll kellha titqies l-art li tagħmel miegħu u li nkisbet bl-istess kuntratt. Kemm il-post u kemm l-għalqa ġejjin mill-istess għajn ta' provenjenza u ma jistax ikun li, għalhekk, l-ishma tal-partijiet f'dak il-ġid ma jkunx ukoll l-istess. Il-fatt li l-qasma saret fl-1964 wara li Carmelo Farruġia kien miżżewweġ lil Salvina Farruġia ma jibdilx in-natura ta' dak il-ġid. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis li dwar l-għalqa msemmija, l-attur u ż-żewġ imħarrkin imisshom sehem indaqs ta' terz ($^1/_3$) kull wieħed u sejra tieħu dan b'qies meta tqis il-pjan tal-qasma suġġerit;

Illi l-Qorti tqis ukoll li, għall-finijiet tat-tielet talba attriċi, ma tressqux provi biex juru x'fadal mill-ġid partikolari ta' Salvina Farruġia, omm il-partijiet, li jista' jiddaħħal fil-pjan ta' qasma mitlub mill-atturi. F'dan ir-rigward, l-għaref

difensur tal-atturi ressqet sottomissjoni li ladarba l-imħarrkin naqsu li jitolbu l-ħlas tal-legati mħollija lilhom mill-wirt ta' ommhom sa għaxar snin wara l-ftuħ tas-suċċessjoni tagħha, dawn ġew li tilfu l-jedd li jitolbuhom aktar u b'hekk il-ġid kollu li kellha l-omm jgħaddi fl-atturi miżżewġin Farruġia, li nħatru werrieta universali tal-omm;

Illi dan l-argument jinbena fuq dak li jgħid l-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili. F'dak l-artikolu l-liġi tagħti lil kull min irid iressaq azzjoni biex jintalab wirt, legat, jew leġittima (*petitio hereditatis*) għaxar snin żmien mill-ftuħ tal-wirt biex jagħmel dan. Fejn min ikollu jedd għal azzjoni bħal dik ikun taħt l-eta', ż-żmien ta' għaxar snin jibda jgħodd minn meta tali persuna tilħaq l-eta'[39];

Illi huwa minnu li mhux kull azzjoni li tirrigwarda ġid li ġej minn wirt taqa' taħt iż-żmien preskrittiv tal-artikolu 845. Wieħed irid jagħraf bejn azzjoni għas-sehem fil-wirt (*petitio hereditatis*) u azzjoni dwar ġid li kien jagħmel minn wirt, bħal fil-każ ta' azzjoni għall-qasma ta' ġid komuni mnissel minn wirt. L-istess jingħad dwar xi għamla ta' azzjoni li timmira għal xi aspett partikolari tal-proċess tal-likwidazzjoni jew tmexxija ta' ġid f'wirt;

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-azzjoni li l-atturi qegħdin imexxu kontra l-imħarrkin hija azzjoni li taqa' sewwasew fis-sejħa ta' *petitio hereditatis*;

Illi ż-żmien maħsub fl-artikolu 845 ġie mfisser bħala wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u għandu minn żmien ta' preskrizzjoni akkwiżittiva[40]. Il-prinċipju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawżi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, għaż-żmien ta' għaxar snin, ikun żamm f'idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma jidhirx li l-imħarrkin talbu b'xi mod lill-werrieta universali ta' l-omm (jiġifieri lill-atturi) biex dawn jimmittuhom fil-pussess tal-

[39] Art. 845(2) tal-Kap 16
[40] App. Ċiv. **28.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Żammit*** (KOllez. Vol: **XXXIX.i.139**)

legati, u lanqas jirriżulta li, fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 845, huma attakkaw b'xi mod it-testment tagħha. Il-wirt ta' Salvina armla minn Carmelo Farruġia nfetaħ dakinhar ta' mewtha jiġifieri fil-25 ta' Awissu, 1996 u sal-25 ta' Awissu, 2006, l-imħarrkin ma kienu ressqu l-ebda att ġudizzjarju jew fetħu xi kawża f'dan is-sens. Għalhekk, is-sottomissjoni tal-atturi sejra tintlaqa' u l-Qorti sejra tqis li mill-ġid kollu mfisser u valutat mill-perit tekniku, is-sehem tal-komunjoni tal-akkwisti li kellha Salvina Farruġia jitqies kollu favur l-atturi;

Illi minħabba f'dan, għall-finijiet tal-**ewwel erba' talbiet attriċi**, l-Qorti sejra tqis li ladarba ma nġabu l-ebda provi dwar l-eżistenza ta' xi ġid ieħor fil-wirt ta' Carmelo Farruġia, Salvina Farruġia u binhom Kalanġ Farruġia li m'huwiex dak li kien jagħmel mill-ġid partikolari tal-imsemmi Carmelo Farruġia u mill-ġid tal-komunjoni ta' l-istess Carmelo Farruġia u martu Salvina mwielda Muscat, il-ġid kollu se' jitqies bħala entita' waħda b'kull waħda mill-partijiet ikun imissha l-ishma kif ser jingħad;

Illi l-attur u ż-żewġ imħarrkin imisshom terz ($^{1}/_{3}$) kull wieħed mill-post numru 6, Triq in-Nigret, Żurrieq, u l-għalqa li tmiss magħha li ġew stmati għall-valur ta' disgħa mija u għoxrin elf euro (€ 920,000). L-atturi jmisshom żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-bqija tal-ġid deskritt u valutat, filwaqt li l-imħarrkin imisshom sehem ta' parti minn sitta ($^{1}/_{6}$) kull wieħed mill-istess ġid. Dan ifisser li l-atturi flimkien imisshom b'kemm jiswew miljun, seba' mija u tlettax-il elf tliet mija u erbgħa u tletin euro (€ 1,713,334) f'ġid tal-wirt, filwaqt li l-imħarrkin imisshom b'sitt mija u tmienja u ħamsin elf tliet mija u tlieta u tletin euro (€ 658,333) kull wieħed;

Illi l-Qorti sejra taċċetta wkoll il-pjan tal-qasma propost mill-perit u tagħmel l-aġġustamenti bl-ekwiparazzjonijiet meħtieġa. Mill-imsemmi pjan, il-perit issuġġerixxa l-ewwel sehem li jkun fih il-post numru 2, Triq il-Ġibjun, l-għalqa magħrufa bħala "*Tal-Ġibjun*" jew "*Tal-Wardija*" u l-għalqa li tmiss mal-post numru 6, Triq in-Nigret, li b'kollox ingħataw valur ta' żewġ miljun euro (€ 2,000,000). Huwa issuġġerixxa li t-tieni sehem ikun magħmul mill-post

numru 6, Triq in-Nigret u l-post 3 u 4, Trejqet il-Barrieri, li b'kollox kienu stmati li jiswew erba' mija u sebgħin elf euro (€ 470,000). Filwaqt li fit-tielet sehem ippropona li jitqegħdu l-art fabbrikabbli fi Triq il-Mitħna u l-post 5, Trejqet il-Barrieri li kienu stmati li jiswew ħames mija u sittin elf euro (€ 560,000). Huwa ippropona li l-ewwel sehem jingħata lill-atturi miżżewġin Farruġia, t-tieni sehem jingħata lill-imħarrek Joseph Farrruġia, filwaqt li t-tielet sehem jingħata lill-imħarrek Mariano *sive* Mario Farruġia;

Illi dan ifisser li, minħabba li s-sehem li se' jmiss lill-atturi jisboq il-valur tas-sehem li jmisshom jieħdu skond il-kwota xierqa tagħhom, huma jridu jħallsu ekwiparazzjoni liż-żewġ ishma l-oħrajn li, skond il-pjan, ser imisshom f'ġid anqas minn dak li jistħoqqilhom. B'hekk, l-atturi jridu jħallsu lit-tieni sehem (Joseph Farruġia) mija u tmienja u tmenin elf tliet mija u tlieta u tletin euro (€ 188,333) f'ekwiparazzjoni, u lit-tielet sehem (Mario Farruġia) tmienja u disgħin elf tliet mija u tlieta u tletin euro (€ 98,333) f'ekwiparazzjoni;

Illi l-partijiet ma ġabux provi dwar xi ġid ieħor li għadu mhux maqsum; u għalkemm l-attur, fl-affidavit tiegħu[41], jallega li xi flus tħallew f'idejn l-imħarrek Mario Farruġia, dawn kienu tħallew biex ikopru spejjeż ta' funerali u tan-nutar. Xi ftit tad-deheb li kien hemm qasmuh il-partijiet bejniethom bonarjament;

Illi t-**talbiet l-oħrajn** sejrin jintlaqgħu għaliex isegwu dawk ta' qabilhom li sejrin jintlaqgħu wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, fil-kontumaċja tal-imħarrkin:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-ġid tal-wirt ta' Carmelo Farruġia jikkonsisti fil-post numru 6, Triq in-Nigret, Żurrieq, flimkien mal-għalqa li tmiss miegħu, flimkien man-nofs mhux maqsum tal-posti 3,4 u 5, Trejqet il-Barrieri, Żurrieq, tal-post numru 2, Triq il-Ġibjun, Żurrieq,

[41] Ara paġ. 53 tal-proċess

tal-*plot* fi Triq il-Mitħna, u tal-għalqa magħrufa bħala "Tal-Ġibjun" jew "Tal-Wardija", fil-kontrada tan-Nigret, Żurrieq;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi ssib li l-ġid tal-wirt ta' Salvina Farruġia jikkonsisti fin-nofs mhux maqsum tal-posti 3,4 u 5, Trejqet il-Barrieri, Żurrieq, tal-post numru 2, Triq il-Ġibjun, Żurrieq, tal-*plot* fi Triq il-Mitħna, u tal-għalqa magħrufa bħala "Tal-Ġibjun" jew "Tal-Wardija", fil-kontrada tan-Nigret, Żurrieq;

**Tilqa' t-tieni u r-raba' talbiet attriċi** billi tordna li l-ġid jinqasam skond il-pjan ta' qasma propost mill-perit tekniku maħtur minnha kif jidher fir-Relazzjoni addizzjonali miġjuba f'paġna mija u tmienja u tmenin (188), u bil-ħlas tal-ekwiparazzjonjiet min-naħa tal-atturi kif imfisser u fl-ammonti msemmija matul din is-sentenza;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** billi taħtar lin-Nutar Mark Coppini biex jippubblika l-att ta' qasma relattiv, fil-jum, ħin u post li l-Qorti għandha tordna wara talba li ssirilha għal daqshekk mill-istess nutar pubbliku wara li jkunu tħarsu l-proċeduri kollha mal-awtoritajiet kompetenti biex ikun jista' jsir l-imsemmi att u lill-Avukat Gabriella Tabone bħala kuratriċi deputata biex tidher fuq l-imsemmi att għal dawk li jonqsu li jersqu;

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbuta mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-qasma, jintrefgħu mill-partijiet skond is-sehem rispettiv tagħhom fil-wirt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------